MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru 922/2003

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb u
Supretendent Alexandra Mamo)

vs

Brian Galea, Victor Ellul, Paola sive Polly Gili, Alfred Pace, Mario Abdilla, Charles Bezzina, Brian Tabone, Carmel Mary Cutajar, Pierre Schembri, Joseph Debono, Fiona Micallef Higgans

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 396169(M), 398372(M), 520052(M), 492570(M), 141577(M), 139961(M), 75372(M), 532363(M), 270071(M), 528765(M) u 142476(M) rispettivament akkuzati talli:

1. bejn Gunju 2002 u Ottubru 2003, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati setghu jircievu bihom hlas, jew jiehdu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbru depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u dan bi ksur ta' l-artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentament ghamlu uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati setghu jircievu bihom hlas, jew jiehdu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbru depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Alfred Pace, Charles Bezzina, Brian Tabone, Mario Abdilla, Carmel Mary Cutajar, Pierre Schembri, Joseph Debono, Fiona Micallef Higgans wahedhom akkuzati talli:

3. bejn Gunju 2002 u Ottubru 2003, f'dawn il-Gzejjer, saru komplici ma' Paola sive Polly Gili, Brian Galea u Victor Ellul li huma ufficjali pubblici, li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew, jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, u dan bi ksur ta' l-artikolu 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Brian Galea, Victor Ellul u Paola sivé Polly Gili wahedhom akkuzati talli:

4. bejn Gunju 2002 u Ottubru 2003, f'dawn il-Gzejjer, bhala ufficjali jew impjegati pubblici li, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg taghhom, talbu, ircevew jew accettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' vantagg

iehor, li ghalihom huma ma kellhomx jedd, u dan bi ksur tal-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala ufficjali jew impjegati pubblici illi, ghal xi vantagg privat taghhom, ghamlu uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu fdati lilhom minhabba l-kariga jew impjieg taghhom, jew serquhom, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm100, liema qliegh ma jeccedix l-Lm40,000 b’qerq bi hsara tal-Gvern ta’ Malta, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi Mario Abdilla sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-data: 11 ta’ Marzu 1996;

Illi Carmel Bezzina sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta’ Frar 1976 u fis-26 ta’ April 1990;

Illi Paola sivè Polly Gili saret recediva ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta’ Ottubru 1978 u fis-17 ta’ Mejju 1990;

Il-Qorti mitluba sabiex minbarra l-pieni stabbiliti mil-ligi, fejn applikabbli, tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikoli 119, 140, 141 u 168 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex tiggudika dwar il-htija jew in-nuqqas ta' htija tal-imputati fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha taghhom.

Semghet ix-xhieda imressqa quddiemha.

Semghet l-ammissjoni ta' dawk fost l-imputati li ghazlu li jammettu u liema ammissjoni hija volontarja u inkondizzjonata u fiha nsistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

L-akkuzati huma fin-numru ta' hdax u ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali huma jinsabu akkuzati taht il-Kap 9 kif ser jinghad:

1. fil-konfront tal-imputati Brian Galea u Victor Ellul:

– tar-reat kontinwat ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti (Artikolu 18, 167);
– tar-reat kontinwat ta' uzu ta' obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta' dokumenti foloz (Artikolu 18, 169);
• entrambi trattasi ta' reat minn impjegat pubbliku li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi (Artikolu 18, 114)
– tar-reat kontinwat ta' korruzjoni (Artikolu 18, 115)
– tar-reat kontinwat ta' serq minn ufficcjal jew impjegat pubbliku (Artikolu 18, 127);
– tar-reat kontinwat ta' truffa aggravata (Artikolu 18, 308, 309) kollox assoggettat ghal interdezzjoni generali perpetwa meta l-massimu tal-piena tkun tiskorri s-sentejn prigunerija (Artikolu 119), applikabbli f'kull kaz f'delitti ta' falsifikazzjoni maghmulin minn ufficcjali pubblici jew impjegati pubblici (Artikolu 190).

2. fil-konfront ta’ l-imputata Paola sivè Polly Gili:

– tal-istess reati riportati hawn fuq bl-aggjunta tar-recidiva (Artikolu 49 u 50).

3. fil-konfront ta’ l-imputati Alfred Pace, Brian Tabone, Carmel Mary Cutajar, Pierre Schembri, Joseph Debono u Fiona Micallef Higgins:

– tar-reat kontinwat ta’ falsifikazzjoni ta’ dokumenti (Artikolu 167);
– tar-reat kontinwat ta’ uzu ta’ obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta’ dokumenti foloz (Artikolu 18, 169);
– tar-reat kontinwat ta’ komplicita’ f’korruzzjoni ta’ ufficcjal pubbliku;
• kollox assoggettat ghall-interdizzjoni generali (Artikolu 119).

4. fil-konfront tal-imputati Mario Abdilla u Charles Bezzina:

– ghall-istess reati riportati taht 3 supra bl-aggjunta tar-recidiva (Artikolu 49 u 50).

Mill-atti jirrisulta li l-imputati Mario Abdilla, Brian Galea, Victor Ellul, Fiona Micallef Higgins, Pierre Schembri u Joseph Debono volontarjament u inkondizzjonatament ammettew l-akkuzi riportati kontra taghhom rispettivament;

Jigi puntwalizzat li fir-rigward l-imputati Brian Galea u Victor Ellul huma kienu impjegati tad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, waqt il-kummissjoni tar-reati lilhom addebitati u fir-rigward l-imputat Pierre Schembri huwa ammetta biss ghat-tieni akkuza kif verbalizzat folio 46 u qatt irtirata.

Issa l-fatti li jikkostitwixxu l-isfond tal-akkuzi huma konnessi mat-tlugh tal-lotterija mensili rigward ricevuti fiskali. Id-dinamika tal-frodi, li giet koncepita u organizzata

mill-imputati Galea u Ellul, kienet dik li jipprestaw ismijiet u karti ta’ identità ta’ nies barranin li b’artifizji frawdolenti kienu jrebhuhom premju mil-lotterija wara li jkunu ottenew ricevuti ta’ certa sustanza li permezz taghhom kienu jintitolhom ghall-premju sostanzjali li f’kull kaz, kif risultanti mill-provi, kien irebbahom minn Lm3,000 sa Lm5,000. Dan kien imbaghad jinqasam bejnhom u l-prestanome bl-ikbar sehem devolut lilhom.

Illi trattat f’dan l-istadju l-akkuzi fid-dawl tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fil-konfront ta’ dawk fost l-akkuzati li m’humiex impjegati pubblici, jigifieri l-akkuzati kollha ghad-eccezzjoni ta’ Brian Galea, Victor Ellul u Paola sivè Polly Gili, komuni ghalihom ilkoll hemm:

a. ir-reat ta’ falsifikazzjoni ta’ dokumenti (Artikolu 167);
b. ir-reat minhabba l-uzu ta’ obbligazzjonijiet tal-Gvern jew ta’ dokumenti foloz (Artikolu 169);
c. ir-reat ta’ komplicità f’korruzjoni ta’ ufficcjal pubbliku (Artikolu 115/120).

Illi dwar il-falsifikazzjoni taht l-Artikolu 167 tal-Kap 9 ghandhom ragun l-imputati Pace u Bezzina fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom, senjatament fl-osservazzjoni li c-cekk per se mhu la falz u lanqas iffalsifikat u li semmai huwa l-operat li wassal ghal hrug tieghu li jista’ jigi sindikat u mhux ic-cekk per se. Ukoll ghandhom ragun (almenu in parti) li l-Artikolu 167, m’huwiex sostenibbli fil-konfront taghhom stante li jitratta l-falz materjali li l-Qorti ma tarax kif jista’ jinkwadra fil-konfront tal-imputati bid-dovuta riserva ghall-Artikolu 167(3) fir-rigward liema però l-ebda prova ma tezisti fl-atti relattivament il-gira.

Illi dawn l-istess imputati huma wkoll akkuzati bl-Artikolu 169 tal-Kap 9 li jikkontempla reat f’kull min xjentament jaghmel uzu ta’ cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minnn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern. Hu fil-kuntest u taht dan l-Artikolu li r-rejità ta’

dawn l-imputati tissussisti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, stante li kif ampjament jirrisulta minn kull wahda mill-istqarrijiet taghhom huma xjentament marru kull wiehed minnhom isarfu c-cekk ben konxji li c-cekk ghalkemm genwin kien jirrifletti affarijiet improrji, jigifieri kontra il-veru. Dwar ic-cekk per se m’hemmx dubbju li huwa genwin u ma giex alterat. Illi wkoll dwar dawn l-akkuzati l-ebda wiehed minnhom ma xehed izda m’hemmx dubbju li l-istqarrijiet taghhom jaghmlu stat ta’ fatt u jikkostitwixxu prova fil-konfront ta’ kull wiehed minnhom.

Dawn l-istqarrijiet jinsabu esebiti:

- ta’ Carmel Mary Cutajar folio 73
- ta’ Alfred Pace folio 87
- ta’ Charles Bezzina folio 90
- ta’ Mario Abdilla folio 93
- tal-akkuzat Brian Tabone folio 96
- tal-akkuzat Pierre Schembri filio 99
- tal-akkuzat Joseph Debono folio 101
- ta’ Fiona Micallef Higgins folio 104.

Illi in kwantu ghall-ahhar akkuza li tolqot lil dawn l-akkuzati u li tikkolpixxi l-Artikolu 115 u 120 tal-Kap 9 l-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid:

1. hu fatt inkontestat li ebda wiehed minn dawn l-akkuzati m’hu impjegat pubbliku u gustament kif dedott fl-artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali huma ma jistghux jigu akkuzati bir-reat ta’ korruzzjoni taht l-Artikolu 115 izda b’komplicità f’korruzzjoni taht l-Artikolu 120 kif fil-fatt jinsabu. Jigifieri r-rejita’ taghhom bhala komplici tissussisti fil-kaz jekk jirrisulta li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, l-ufficcjal jew impjegat pubbliku jkun talab, irceva jew ikun accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili iehor jew ta’ xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma jkollux jedd.

2. in linja defensjonali l-imputati Alfred Pace u Charles Bezzina, li tirrifletti l-posizzjoni ta’ l-akkuzati l-ohra, cioè

dawk li l-kaz taghhom qieghed jigi trattat f'dan l-istadju, hi din: li l-Artikolu 120 li jitratta l-komplicita' f' korruzzjoni ta' ufficcjal jew impjegat pubbliku jitkellem dwar il-persuna li tikkorrompi ufficcjal jew impjegat pubbliku u jirritjenu li f'dan il-kaz ma saret ebda prova u lanqas setghet issir prova ghaliex jirrisulta li huma gew mitluba jaghmlu dak li ghamlu u fl-ebda mument ma kien hemm xi forma ta' komplicità f'korruzjoni kif ravvizata fl-Artikolu 115.

3. din il-Qorti però tesprimi fehma differenti u tghid li filwaqt li l-Artikolu 120 iqies persuna li tikkorrompi ufficcjal jew impjegat pubbliku bhala komplici dan taghmlu fil-kazijiet imsemmija fost ohrajn fl-Artikolu 115. Dan l-artikolu jippsospetta l-korruzzjoni f'ufficcjal jew impjegat pubbliku fit-talba, fir-riceviment jew fl-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor anka ta' xi vantagg iehor. Risultanti dan, kif fil-fatt jirrisulta, hemm kwindi l-komplicità.

Ikkonsidrat:

Illi fir-rigward l-imputati Brian Galea u Victor Ellul r-rejità taghhom tirrisulta mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata taghhom. Jirrisulta bil-wisq car, ukoll mill-istqarrijiet rispettivi taghhom, li huma ikkommettew r-reat qua impjegati pubblici. Fatt li 'per se' jirrendi terminu ta' prigunerija effettiva obbligatorja li ma kienx ghall-fatt li huma ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija, li ghandhom fedina penali netta u xi attenwanti generici li jimmilitaw kontra l-prigunerija effettiva.

Illi fil-konfront tal-imputata Paola sivè Polly Gili l-konnessjoni taghha mal-akkuzi huma sottratti biss u unikament mill-istqarrijiet ta' Brian Galea u Victor Ellul. Dawn l-istqarrijiet b'disposizzjoni espressa tal-ligi (Artikolu 661 Kap 9) jaghmlu prova biss kontra min ikun ghamilhom. Apparti dan hemm il-fatt li anki jekk ghall-grazzja tal-argument l-istqarrijiet inkriminatorji tat-terzi gew konfermati bil-gurament viva voce kienu dejjem ikunu xhieda ta' co-akkuzati li f'kazijiet kongruwi m'humiex ammissibli hlief kontra jew favur min ikun ghamilhom. Ta' min jinnota wkoll li d-dikjarazzjoni li saret minn naha tal-prosekuzzjoni fl-istadju bikri tal-kawza sahansitra meta l-

akkuzi kienu lanqas inqraw fir-rigward separazzjoni tal-gudizzju (ara verbal folio 39) ma giet qatt formalizzata f'talba.

Ghaldaqstant u in bazi ghal fuq espost l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi:

1. fil-konfront tal-imputata Paola sivè Polly Gili ma ssibhiex hatja u tilliberha minn kull akkuza;

2. fil-konfront tal-imputati Alfred Pace, Brian Tabone, Carmel Mary Cutajar, Pierre Schembri, Joseph Debono u Fiona Micallef Higgins issibhom hatja talli xjentament ghamlu uzu minn dokument anka jekk genwin (cekk) li bih ircevew pagament u wkoll f'komplicita' f'korruzzjoni. Rat l-Artikoli 18, 167(3), 169, 120, 115, 17, 119 u 28A tal-Kap 9 u tikkundahom:

- lill-imputat Alfred Pace stante li kontra dan l-imputat tirrizulta biss l-akkuza tal-komplicità f'korruzjoni; rat l-Artikolu 18, 120, 115, 119 u 28A tal-Kap 9, u tikkundannah sitt xhur prigunerija sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija u dan oltre l-interdezzjoni generali temporanja ghall-zmien hames snin mil-lum.

- lill-imputati Brian Tabone u Joseph Debono issibhom hatja talli xjentament ghamlu uzu minn dokument anka jekk genwin (cekk) li bih ircevew pagament u wkoll f'komplicità f'korruzzjoni. Wara li rat l-Artikolu 18, 167(3), 169, 120, 115, 17, 119 u 28A tal-Kap 9 tikkundannhom sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm ma jaghmlux reat iehor punibbli bi prigunerija u dan oltre l-interdezzjoni generali temporanja ghall-zmien hames snin mil-lum.

- lill-imputati Carmel Mary Cutajar, Pierre Schembri, u Fiona Micallef Higgans issibhom hatja talli xjentament ghamlu uzu minn dokument anke jekk genwin (cekk) li bih ircevew pagament u wkoll f'komplicità

f’korruzzjoni. Rat l-Artikolu 18, 167(3), 169, 120, 115, 17, 119 u 28A tal-Kap 9 u tikkundahom sitt xhur prigunerija sospizi ghall-sena u l-piena ta’ interdezzjoni generali temporanja ghall-zmien sentejn mil-lum.

3. fil-konfront tal-imputati Mario Abdilla u Charles Bezzina issibhom hatja l-istess bhal imputati f’(2) supra, ghad-eccezzjoni tal-imputat Alfred Pace, in aggunta ghar-recidiva. Wara li rat l-Artikoli 18, 167(3), 169, 120, 115, 17, 119, 49 u 28A tal-Kap 9 tikkundahom tlettax-il xahar prigunerija sospizi ghall-sena u l-piena ta’ interdezzjoni generali temporanja ghall-zmien hames snin mil-lum.

4. fil-konfront tal-imputati Brian Galea u Victor Ellul wara li rat l-Artikoli 18, 167, 168, 114, 169, 115, 127, 308, 309, 310, 119, 190, 17 u 31 tal-Kap 9 tikkundannhom sentejn prigunerija li izda qeghda tissospendihom ghall-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 sakemm l-imputati ma jikkommettux reat iehor punibbli bi prigunerija oltre multa ta’ elf euro (€1,000) u l-interdezzjoni perpetwa u dan fil-konfront ta’ kull wiehed miz-zewg imputati.

Illi l-ebda spejjez ta’ periti ma gew inkorsi.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabbilitajiet rispettivi taghhom li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------